# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 25 ta' April 2018

**Kawża Nru: 11**

**Rikors Ġuramentat Nru: 47 / 12 JA**

**Nazzareno *sive* Ronnie Zammit**

**-vs-**

**Raymond Mifsud u Yvonne Mifsud**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fis-16 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Peress illi l-kontendenti kienu dahlu f'żewġ skritturi privati permezz ta' liema l-konvenut kien intrabat favur l-attur biex jiehu l-operazzjoni tal-water sports facilities li l-attur kellu fix-xatt ta' tas-Sliema u liema negozju huwa kien jiggestixxi mill-fond 47, The Strand, Sliema kif ukoll billi kellu permess ta' diversi bagi li magħhom kienu jorbtu l-

lanec li kienu jiffurmaw parti mill-ftehim u dana versu l-prezz miftiehem ta' Lm9 kuljum għall-uzu tal-ħanut 47, The Strand, Sliema u tal-gabbana li l-attur kellu armata fuq in-naha tal-bahar tax-xatt u Lm9 kuljum oħra għall-uzu tal-bagi illi mingħajrhom ma setax isir in-negozju miftiehem bejn il-partijiet, kollox skond il-kundizzjonijiet l-oħra miftehma bejn il-kontendenti u msemmija fl-iskritturi privati.

Illi fost l-obligazzjonijiet li assuma l-konvenut kien hemm dawk il-permessi kollha kellhom jibqgħu fuq isem l-attur bil-konvenut pero' jkun obbligat hu li jħallas għalihom.

Illi dawn iż-żewġ ftehim kienu għall-preijodu ta' sentejn b'dan pero`, illi jekk il-konvenut jkompli wara sentejn l-ammont ta' kuljum kellu jogħla minn Lm9 għal Lm10 kuljum.

Illi l-konvenut beda mill-ewwel jonqos mill-ħlas dovut skont dawn iż-żewġ ftehim u l-attur kien kostrett li jiehu passi bil-Qorti biex jitħallas a bazi tal-ftehim u fil-fatt kien intavola żewġ kawzi kontra l-konvenut, fiż-żewġ okkażżjonijiet biex jitlob ħlas tal-ammont lilu dovut sad-data ta' meta ntavola dawn iż-żewġ kawzi, liema kawzi rebaħhom it-tnejn u li l-ammont li rebaħ ġie debitament imhallas mill-konvenut kollox kif jiġi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi għalkemm l-attur tħallas għal parti miż-żmien li dan l-operation agreement kien fis-seħħ, huwa għad fadalu jiehu mingħand il-konvenut is-somma ta' Euro25.404 dovuti kif ser jingħad:

i. Is-somma ta' Lm3,8314 dovuti fuq is-sport facility agreement għall-perijodu bejn is-16 ta' Marzu 2006 u l-15 ta' Mejju 2007 u dana bil-prezz ta' Lm9 kuljum oltra is-somma ta' Lm690 bhala VAT is-somma ta' Lm250 licenzja mħallsa lil Malta Maritime Authority u s-somma ta' Lm93.75 licenzja dovuta u mħallsa lil NTOM u li thallsu mill-attur meta kellhom jitħallsu mill-konvenut għal total ta' Lm4,867.75 ekwivalenti għal Euro 11,339.

ii. Is-somma ta' Lm2,448 mid-Lm9 kuljum għail-perijodu 16 ta' Jannar 2006 sal-15 ta' Ottubru 2006 - 272 ġurnata mid-Lm9 kuljum ekwivalenti għal Lm2,448 jew Euro5,702 u għall-perijodu 16 ta' Ottubru 2006 sal-10 ta' Awissu 2007 - 299 ġurnata bl-Lm10 kuljum ekwivalenti għal Lm2,990 u ċjoe' Euro6,965 *oltre* s-somma ta' Lm600 ekwivalenti għal Euro1398, licenzji tal-ħanut għas-snin 2006 u 2007 – b'kollox is-somma għal dak li għandu x'jaqsam il-ħanut u l-gabbana Euro 14,065.

Illi mgħaduda flimkien l-ammont imsemmi fis-subparagrafu (i) u (ii) iżjed il-fuq iwasslu għas-somma ta' Euro25,404. Dan l-ammont ma jinkludix imgħax.

Illi permezz ta' email mibgħuta fit-2 ta' Lulju tas-sena li għaddiet mill-konsulent legali tal-attur lill-konsulent legali tal-konvenut u li ġiet mibgħuta ftit wara li ngħatat it-tieni sentenza kontra l-konvenut u dejjem fuq l-istess meritu ta' din il-kawża pero' għal zminijiet ta' qabel, l-esponenti kien infurma lill-intimat illi jekk jasal għal ftehim bonarju biex iħallas dak li kien għadu minnu dovut huwa kien jikkonsidra jaħfer l-imgħax u sahansitra jaccetta pagamenti ratejali.

Illi meta għaddew diversi xhur u l-esponenti baqa' bla risposta huwa kien intavola Mandat ta' Sekwestru u ċjoe' l-Mandat numru 1629/11 ippreżentat fit-22 ta' Novembru tas-sena li għaddiet u in segwitu għal dan il-mandat il-konvenut kien talab ftit aktar żmien sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tiegħu u jipprova jsib mezz biex iħallas dak minnu dovut u għal dan il-għan kienet saret estenzjoni tal-effetti tal-mandat sal-15 ta' Jannar ta' din is-sena.

Illi hin bla waqt u meta l-esponenti kiern ġie nfurmat illi kien hemm ċans tajjeb illi jsir ftehim bonarju u allura ma jkunx hemm il-ħtieġa li tinfetaħ kawża u dana billi l-konvenut kien ser iħallas somma sostanzjali mal-ftehim bil-bilanċ jitħallas bi tant fix-xahar, il-konsulent legali tal-esponenti ġie nfurmat mill-konsulent legali tal-intimat litteralment ġurnata jew tnejn qabel ma kellhom jiskadu l-

effetti ta' dan il-mandat illi l-intimat kien mhux biss biddel fehemtu izda sahansitra lill-Avukat ta' fiduċja tiegħu li kien ilu jsegwi dan il-każ mill-bidu nett u ċjoe' mit-2005/2006 b'dan illi l-esponenti ma kellu l-ebda triq oħra ħlief li jipprezenta din il-kawża llum l-ahhar data hekk jagħmel li seta, hekk għamel.

Għaldaqstant l-esponenti fid-dawl tal-premess jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut flimkien ma' martu billi l-ammont dovut jifforma parti minn debitu tal-komunjoni tal-akkwisti huma debituri tal-attur fis-somma fuq imsemmija ta' Euro25,404 jew kwalunkwe somma oħra verjuri li tiġi likwidata.

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' Euro25,404 jew kwalunkwe somma oħra verjuri li tiġi llikwidata.

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-Mandat ta'sekwestru 1629/11 fl-istess ismijiet bl-imgħax legali a skaletta mid-data ta' kull meta kienu dovuti l-ħlas fuq imsemmi liema sommom kellhom jitħallsu kull xahar bil-quddiem u għal dak li għandu x'jaqsam ma' permessi mħallsa mid-data ta' kull ħlas tal-permessi sad-data tal-pagament effettiv u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fit-13 ta' Frar 2012 li permezz tagħha eċċepew:

1. Preliminarjament in kwantu t-talbiet attriċi jirreferu għal pretensjonijiet naxxenti mill-iskrittura tat-22 ta' Settembru 2004 fir-rigward tal-fond 47, The Strand, Sliema, l-istess ftehim fi klawsola 16 jipprovdi li kull kwistjoni naxxenti minnu

għandha tiġi riferuta għall-arbitraġġ; fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta’ Malta. Għalhekk din il-Qorti għandha tordna immedjatament it-twaqqif ta’ dawn il-proċeduri u tissopprassjedi a tenur tal-Artikolu 742(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili (Kap 12).

2. Preliminarjament ukoll it-talbiet attriċi huma preskritti *ai termini* tal-artikoli 2148(1), 2753, u 2156 (a) (c) u (f) tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16).

3. F’kull każ, preliminarjament ukoll, l-eccepjenti Yvonne Mifsud mhijiex legittima kontradittur fl-azzjoni proposta mill-attur billi: (i) hija ma kinitx partetipi fl-iskritturi u t-tranżazzjonijiet imsemmija mill-attur; (ii) kwalunkwe debitu li talvolta jista’ jirrizulta dovut mill-istess skritturi u tranżazzjonijiet ma jidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti bejnha u l-konvenut Raymond Mifsud; u (iii) konsegwentement hija ma tistax tintalab tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-attur.

4. Fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. Ebda ħlas kif mitlub ma huwa dovut għat-terminu indikat mill-attur.

6. Il-ftehim li fuqhom qiegħed jibbaża ruħu l-attur kienu nulli jew mingħajr effett, għal kollox jew in parti, u f’kull każ kienu terminati u / jew skadew.

7. Mhux minnu li l-eċċepjent Raymond Mifsud irrikonoxxa li għandu jagħti jew aċċetta li jħallas, xi parti mit-talbiet tal-attur.

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-astensjoni tal-Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima *ai termini* tal-artikolu 734 (1) (g) tal-Kap. 12;

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-diversi dokumenti;

Semgħet id-diversi xhieda;

Rat in-noti ta' sottomissjonijet tal-partijiet kollha fil-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2018 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Fatti**

1. Illi l-atturi qed jitolbu l-kundanna għall-ħlas imsemmi fir-rikors u għar-raġunijiet hemm indikati.

2. Fil-qosor il-konvenuti jirribattu billi jeċċepixxu li l-kwistjoni kellha tiġi riferita għall-arbitraġġ kif ukoll l-preskrizzjonijiet imsemmija minnhom u li f'kull każ ma għandhom jagħtu xejn. Eċċepew ukoll in-nullita' tal-kuntratt in kwistjoni filwaqt li l-konvenuta eċċepiet ukoll li kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex ma għandha x'taqsam xejn mal-vertenza.

**Provi**

Illi in sostenn tat-teżi tagħhom l-atturi esebew l-iskritturi in kwistjoni (fol 14) kif ukoll sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati rigward l-istess kwistjoni. Hawn ta' min jibbjasima kif l-atturi ma esebewx dawn id-dokumenti mar-rikors promotur u għamlu dan waqt il-ġbir tal-provi. Dan it-tip ta' atteġġjament qed isir spiss mill-partjiet u jagħmlu tajjeb l-Avukati jikkonsultaw mal-Kap. 12 qabel jintavolaw il-kawżi.

Illi l-attur esebixxa affidavit (fol 58) fejn fost affarijiet oħra qal illi:

*"Għall-ħabta tal-aħħar ta' Settembru 2004 kont dħalt fi ftehim mal-konvenut li permezz tiegħu kont tajtu l-operazzjoni ta' ħanut li kont nikri mingħand terzi bl-isem STS, numru 47, ix-Xatt tas-Sliema u dana taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm imsemmija, u liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat dokument 'A'.*

*Fis-sena ta' wara u naħseb li kien għall-ħabta ta' Mejju, kont dħalt fi ftehim ieħor, ukoll mal-konvenut, li permezz tiegħu jiena kont għaddejtlu l-amministrazzjoni u l-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' water sports li jiena kelli fuq il-moll u fil-baħar faċċata tal-ħanut fuq imsemmi u fejn jien kelli permess li nopera lili mogħti mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, dak iż-żmien il-Malta Maritime Authority, li permezz tiegħu jien kont għaddejtlu l-użu tal-moll u tal-bagi li jiena kelli u għad għandi, u dana wkoll versu prezz kuljum u kundizzjonjiet imsemmija f'dan il-ftehim li kopja tiegħu qed nannetti, u jiġi mmarkat dokument 'B'.*

*Illi għall-ewwel xhur ta' wara li saru dawn iż-żewġ ftehim il-konvenut kien ħallasni pero' dejjem tardivament, u wara li għaddew ftit iżjed xhur beda jaqa' lura fil-pagamenti mhux biss tal-ammont ta' kuljum li konna ftehemna, pero' anke naqas milli jħallas il-permessi li jiena kelli u li skond il-ftehim kellu jħallashom hu. Billi jekk dawn ma jitħallsux kien jaqagħli l-permess li dejjem kien u baqa' fuq ismi jien kont kostrett inħallas dawn il-permessi u ndur fuqu.*

*Illi din hija t-tielet kawża li jien għamilt kontra l-konvenut in konnessjoni ma' dak li kien intrabat li jħallasni a bażi ta' dawn iż-żewġ ftehim, u billi l-ftehim kienu t-tnejn għal żmien stabbilit, fiż-żewġ kawżi ta' qabel din jien kont nitlob ħlas għal dak il-perjodu dovut sad-data ta' meta jiena ftaħt il-kawzi li jiena rbaħt bl-ispejjeż, u allura jien tħallast dak kollu lili dovut in forza ta' dawn iż-żewġ ftehim għall-perjodu li jien ħarriktu dwaru.*

*Dawn iż-żewġ kawżi jġibu r-referenza numru 506/05 SM fl-ismijiet "Nazzareno sive Ronnie Zammit vs Raymond Mifsud" u 72/06VG fl-ismijiet "Nazzareno sive Ronnie Zammit vs Raymond Mifsud" rispettivament, l-ewwel kawża ċeduta billi sar il-ħlas dovut, u t-tieni kawża deċiża fit-12 ta' Mejju 2011 skont sentenza hawn annessa u mmarkata dokument 'C'. Biex jien tħallast dak li rbaħt fit-tieni sentenza kont kostrett illi nagħmel mandat ta' sekwestru għax kieku m'għamiltux ma kienx iħallasni l-konvenut. Fil-perjodu li tħallast is-somma li rbaħt fl-aħħar sentenza kont tlabt ukoll l-ammont illi kien għadu dovut għall-perjodu wara li ftaħt din it-tieni kawża, u sakemm il-konvenut baqa' jopera l-water sports facilities u kien għadu jokkupa wkoll it-ticketing boot li kien jifforma parti mill-ewwel skrittura u li ġie rilaxxat lili biss wara li kont ħarriktu bil-Pulizija talli ħa l-liġi f'idejh u rrilaxxah f'idejja biss wara li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ċjoe' f'Awwissu tat-2007.*

*Jien għalhekk qiegħed nitlob biss dak li hu dovut lili skond dawn iż-żewġ ftehim mill- perjodu tal-aħħar ħlas li sar permezz tal-aħħar sentenza sad-data ta' meta jiena ħadt lura f'idi kemm l-operazzjoni ta' sport facilities kif ukoll l-operazzjoni tal-ħanut STS u l-gabbana."*

Il-konvenut ukoll esebixxa affidavit tiegħu (fol 157) fejn xehed b'dan il-mod:

*"Jiena minn dejjem fin-negozju konness mat-turiżmu. Għandi liċenzja ta' local tour operator u oħra ta' public service garage.*

*Kont iltqajt l-ewwel darba ma' l-attur Ronnie Zammit fl-2004. Dak iż-żmien kien jopera uffiċċju għall-bejgħ tal-biljetti għal servizzi konnessi mat-turisti (cruises, kiri ta' karozzi, ecc). Kien laqqagħni ċertu Raymond Pace għaliex Zammit ried ineħħi l-uffiċċju. Jiena kont interessat minħabba li kien fil-linja tiegħi. Iltqajna u ftehemna li nieħu l-uffiċċju b'kera għal mhux inqas minn sentejn, bil-kera ta'*

*LM10 (għaxar liri) kuljum. Minbarra l-uffiċċju, jew ħanut tal-bejgħ tal-biljetti, Zammit kien ibiegħ ukoll minn mejda li kienet armata in-naħa l-oħra tat-triq faċċata tal-istess ħanut.*

*Meta ftehemna ħadni għand l-avukat tiegħu u għamilna l-ftehim tat-22 ta' Settembru 2004. Flok kirja, spiċċajna biex għamilli management agreement għaliex skond ma qalli dakinhar ma setgħax jikri minħabba problemi li kellu mal-mara u saħansitra kien semmieli xi ħaġa fuq Mount Carmel. Jiena fdajtu u għamilt kif qalli u bdejt nopera.*

*Ftit wara kien ġie sabni sid il-kera proprju tal-post li ħadt f'idi. Sa dak iż-żmien kont għadni naħseb li l-post kien ta' Ronnie Zammit. Sid il-kera kien staqsieni x'kont qed nagħmel fil-post tiegħu u min kien tani d-dritt nuża dan il-post. Jiena b'mod innoċenti għidtlu li kont krejtu. Dan weġibni li Ronnie Zammit ma kellux dritt jikrih u kien ser iffittixni bil-Qorti biex jiżgombrani u jżommni responsabbli għad-danni. Sid il-kera kien anke wrieni l-kuntratt li kellu ma' Ronnie Zammit. Ronnie Zammit kien jikri bil-kera ta' LM60 fis-sena!*

*Jiena bzajt mill-Qorti. Fl-istess ħin inzertajt okkażjoni ta' post ieħor viċin u biex ma nidħolx f'inkwiet, krejt il-post l-ieħor u wara li għaddew l-ewwel sentejn tajt iċ-ċwievet lura lil Ronnie Zammit. Intant bqajt intih il-kera avolja ma kontx qed nużah.*

*Bi ftehim ieħor li kont għamilt ftit wara l-ewwel wieħed, l-attur Ronnie Zammit kien suppost krieli parti mill-baħar li kien hemm The Strand. Huwa kien assigurani li kellu dritt fuq din il-parti tal-baħar biex jaħdem water sports minn hemm u li din seta' jikriha. Kien ħadni għand l-avukat tiegħu u jiena mort u qgħadt fuqhom. Dan in-negozju kont qed nagħmlu bi sħab ma' tnejn oħra – Raymond Pace u Raymond Vella. Ronnie Zammit kien kuntent li nkunu tlieta, pero' l-ftehim sar miegħi waħdi.*

*Ftit wara meta Raymond Vella ġie biex jopera l-lanċa tiegħu minn din li suppost kien krielna Ronnie Zammrt, kien tkellem mal-uffiċjali tal-Malta Maritime Authority u dawn qalulu li l-konċessjoni huma biss setgħu jagħtuha. Fil-fatt hekk għamlu u Raymond Vella kien ħa konċessjoni direttament mingħand il-Maritime Authority. Wara sirt naf li Ronnie Zammit kien ta l-kunsens tiegħu u ffirma biex Raymond Vella jieħu l-konċessjoni fuq l-istess post mingħand l-Malta Maritime Authority.*

*Wara dan Raymond Vella ma ħallasnix sehmu tal-kera kif konna ftehemna. Minflok beda jħallas direttament lil Malta Maritime Authority u la jiena u lanqas Ronnie Zammit ma stajna nżommuh. Hawn indunajt li verament kont 'xtrajt il-ħut fil-baħar' għaliex Ronnie ZammiI krieli xi ħaġa li ma kinitx tiegħu. Jiena personali mort l-Awtorita' Marittima, u meta għidtilhom li krejt dik l-area ta' baħar mingħand Ronnie Zammit, qaluli li jekk nerġa' nirrepetiha, kienu ser jarrestawni. Kienu allura tawni dokument bil-kundizzjonijiet fejn stajt nara fost oħrajn li l-bahar ma setgħax jingħata b'kera jew mod ieħor minn ħadd, għaliex huwa proprjeta' pubblika amministrata mill-Awtorita' Marittima.*

*Jiena allura kellimt lil Ronnie Zammit u għidtlu li kellna l-inkwiet għaliex Raymond Vella ħa permess direttament mingħand il-Maritime Authority, waqt li lili qaluli li ma stajtx nikri mingħandu. Meta ra hekk, Zammit offrieli li nħallsu biss sehmi mill-LM10 kera kuljum. Għall-ewwel kont fi ħsiebni naċċetta, iżda meta ndunajt li ma kien inbidel xejn, u li kont qed inħallsu ta' xi ħaġa pubblika li ma kienitx tiegħu, jiena waqaft inħallas.*

*Wara dan kien għamilli kawża u ħallejt kollox f'idejn l-avukat li kelli. Sinċerament ma nafx x'ġara, pero' l-avukat kien qalli li ma stajtx ma nħallasx skond is-sentenza. Kif spiċċajt b'sentenza kontrija ma nistax nifhem.*

*Wara xi żmien reġa' fittixni fuq l-istess affarijiet bil-kawża preżenti. Meta kellimt lill-avukat li kelli qabel, dan qalli li kienu ftehmu differenti. Jiena għidtlu li xtaqt niġġilidha għaliex jiena ma kelli nagħtih xejn. L-avukat tiegħi stess issuġġerieli li nkellem avukat ieħor u anke mar ikellmu hu għalija.*

*Intenni li lil Ronnie Zammit jiena ma għandi ntih xejn. Ebda ħlas kif mitlub minn Ronnie Zammit ma huwa dovut. Lanqas ma huwa veru li jiena xi darba aċċettajt li għandi nagħti dak li qed jitlobni Zammit.*

*Nixtieq ngħid li apparti kwistjonijiet legali oħra, skond l-iskrittura tat-22 ta' Settembru 2004 kwalunkwe kwistjoni bejnietna kellha tiġi riferuta għall-arbitraġġ fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta. Lili din ħadd ma kien qalhieli. Ronnie Zammit qatt ma talabni nieħdu l-kwistjonijiet ta' bejnietna għall-arbitraġġ. Din spjegahieli l-avukat tiegħi.*

*Irrid ngħid ukoll li l-mara tiegħi ma għandha x'taqsam xejn f'din l-istorja. Hija la kienet involviet ruħha fin-negozju u lanqas ma ffirmat xejn."*

Għalhekk fuq ħafna kwistjonijiet hemm verżjonijiet diverġenti.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi qabel xejn il-Qorti trid tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni, u ċjoe' li l-atturi kellhom l-ewwel jirreferu l-kwistjoni għall arbitraġġ. Jirriżulta pero' li fi kwistjonijet li ġja' waslu quddiem il-Qorti – sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-12 ta' Mejju 2011 hija esebita fl-atti u hemmhekk din il-kwistjoni ma tqajmitx. *Oltre* dan meta parti ma tikkollaborax huwa inutli li imbagħad jeċċepixi li l-azzjoni hija intempestiva (**"Calibre Motors vs Muscat"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2008). Kwindi l-eċċezzjoni hija respinta.

Illi hemm imbagħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ndikata fir-risposta – dawk taħt l-artikolu 2148 u 2153 ċertament mhumiex applikabbli

għaliex f'dan il-każ il-kawżali hija l-iskrittura bejn il-partijiet – għalhekk il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin.

Illi l-attur qed jitlob ħlasijiet risalenti għal perjodu bejn is-16 ta' Marzu u 15 ta' Mejju 2007 u s-16 ta' Ottubru 2006 sal-10 ta' Awwissu 2007. Il-kawża ġiet intavolata fis-16 ta' Jannar 2012 u għalhekk il-perjodu li ma hux milħuq mill-preskrizzjoni huma dawk ta' wara s-16 ta' Jannar 2007. Skont l-attur pero' kien hemm ħafna diskussjonijet fejn anke l-mandat maħruġ minnu ġie estiż bi ftehim bejn il-partijiet biex tiġi evitata l-kawża. Għalkemm il-mandat innifsu ma ġiex esebit, ġiet esebita n-nota f'dan is-sens (tal-esensjoni) u mill-fatt li rriżultaw il-Qorti hija tal-fehma li dan kien jirreferi għal din il-kwisjtoni u allura l-preskrizzjoni ġiet interrotta.

Jibqa' għalhekk il-verżjonijet mogħtija mill-partijiet, u ċjoe' jekk hux minnu li l-iskrittura qatt ma setgħet issir għar-raġunijet li ta l-konvenut. Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża **"Xuereb et vs Gauci et"** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp ċivili billi qalet hekk – *"Huwa paċifiku f`materja ta' konflitt ta' verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1) *Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra;*

2) *Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima 'actore non probante reus absolvitur'. Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet* ***"Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma"****, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001."*

Jinsab ravviżat ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966, li *"il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-*

*żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabiltajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".*

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** deċiża fit-30 ta' Ottubru 2003 qalet li:

*"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli."* Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawża **"Farrugia vs Farrugia"** *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

F'ġudizzju ċivili in fatti il-Qorti trid tiddeċiedi appuntu fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet (**"Zammit vs Petroccochino" –** Appell Kummerċjali deċiż fil-25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabiltajiet; b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo' – **"Enrico Camilleri vs Martin Borg"** (Appell Inferjuri tas-17 ta' Marzu 2003).* Huwa minnu wkoll pero' li kif jgħid tal-artiklu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura – *"Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per eżempju **"Dr H. Lenicker vs J. Camilleri"** deċiża mill-Prim Awla

fil-31 ta' Mejju 1972, u **"Peter Paul Aquilina vs Paul Vella"** Appell Inferjuri tat-2 ta' Mejju 1995).

Il-Qorti wara li rat l-atti ma għandhiex dubju li l-verżjoni tal-konvenut ma hija konvinċenti xejn, anke tenut kont tal-eżitu tas-sentenzi tal-Qorti (kompriż tal-Qorti Kriminali) li ġew esebiti fl-atti tal-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut għamel dak li bl-Ingliż ngħidu illi kienet *"a bad deal"* u wara ried joħroġ minnha. Dan kien kollu tort tiegħu għaliex ma ħax parir fuq x'hiex kien qed jiffirma għalih. Kwindi ma hemm ebda raġuni għaliex il-kuntratt *per se* jkun ikkunsidrat null (avolja mingħajr dubju huwa kuntratt *"one sided"* favur l-attur) u huwa stess ma ġab ebda raġuni legalment valida biex isostni din l-eċċezzjoni tiegħu. Kwantu għall-kwistjoni tal-preżenza tal-mara tal-konvenut fil-kawża ma tressqux provi u allura għandha tkun liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju kif fuq ingħad, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**